*-piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu fuq l-attur; dak tal-ħlas fuq il-konvenut*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 10 TA' OTTUBRU 2019.**

**Rikors Nru. 1278/2008GM**

**FRANCIS FENECH**

**vs**

**JOSEPH XERRY U B'NOTA TAT-18 TA' NOVEMBRU. 2009, ANTOINETTE SCERRI ASSUMIET L-ATTI TAL-KAWZA MINFLOK ZEWĠHA JOSEPH XERRY SAKEMM DAN IKUN BARRA MINN MALTA U B'NOTA OĦRA TAL-24 TA' SETTEMBRU 3019 JOSEPH XERRY ASSUMA L-ATTI MILL-ĠDID**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' Francis Fenech imressaq fid-29 ta' Diċembru 2008 li permezz tiegħu talab lil Qorti tagħti s-sentenza u tilqa' t-talba' tiegħu bla ma tgħaddi

għas-smigħ tal-kawża kif provdut fl-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront tal-attur għas-somma ta' €32,948.98; u tikkundanna lil konvenut iħallas lil attur is-somma msemmija;

Talab ukoll l-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċċjali tas-26 ta' Settembru 2008 u dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru kawtelatorji kontra l-intmat bl-imgħaxijiet mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv;

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Xerry fejn ikkontesta li l-kawża ssir bil-proċedura tal-giljottina;

Rat id-digriet tagħha (diversament preseduta) tat-3 ta' Frar 2009 fejn il-konvenut ġie mħolli jikkontesta l-kawża u l-attur sabiex tiġi evitata azzjoni rikonvenzjonali iddikjara illi l-konvenut jista' liberament jirtira ħwejjġu mill-*boat yard* mertu tal-każ u anke ingħata ġurnata u ħin meta l-konvenut seta' jagħmel dan;[1]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ippreżentata fl-20 ta' Frar 2009 fejn eċċepixxa li ma hemm l-ebda ammont dovut lil attur stante li l-kera mitluba għall-perjodu kollu li l-esponent okkupa l-fond lilu mikri ġie mħallas pjenament u illi għalkemm l-perjodu ta' kera mifthiem bil-ftehim tal-10 ta' Marzu 2006 kien jistipula perjodu ta' kera ta' erba' snin, ai termini tal-artiklu (m) hu ta pre-avviż fl-Ottubru 2007 li ma kienx ser jibqa' fil-kirja u hekk qatt ma kien obbligat iħallas il-kera minn Jannar 2008 'il  quddiem u għalhekk il-perjodu ta' kera li kienet dovuta lill-attur kienet minn Marzu 2006 sa Diċembru 2007. Eċċepixxa ukoll illi l-attur irrifjuta li jirrilaxxa oġġetti appartenenti lil konvenut fil-*boat yard* li llum l-konvenut ma għandu ebda aċċess għaliha;

---

[1] Fol 30.

Bl-ispejjeż inklużi  tan-noti resposnsivi fl-atti tal-ittri uffiċċjali numri 4037/08, 4038/08, 4039/08;

Rat il-kontro-talba ġuramentata tal-konvenut li permezz tagħha talab lill-Qorti tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat qiegħed jiddetjeni oġġetti appartenenti lill-intimat rikonvenzjonanti u tordna lill-istess attur rikonvenzjonanti sabiex fi żmien qasir u perentorju jirritorna l-oġġetti appartenenti lill-konvenut rikonvenzjonanti u fin-nuqqas jirrifondih il-valur tal-imsemmija oġġetti *occorrendo* bil-ħatra ta' periti nominandi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur għal-kontro-talba tal-konvenut fejn eċċepixxa illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex huwa fl-ebda stadju ma żamm oġġetti propjeta` tal-intimat b'mod illegali iżda għal diversi drabi stieden lill-intimat rikonvenzjonant sabiex jiġbor ħwejġu minn ġewwa l-fond in kwistjoni u Xerry naqas li jagħmel dan. U illum il-ġurnata Joseph Xerry ħa lura l-oġġetti kollha li seta' kellu fil-fond u għalhekk l-konvenut rikonvenzjonali m'għandux ibati l-ispejjeż inkwantu t-talbiet fil-kontro-talba ġuramentata u l-istess kontro-talba huma frivoli u vessatorji u intiżi biex jipprolungaw il-proċeduri;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-Noti ta' Sottommissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:

**PROVI**

Illi permezz ta' skrittura privata in atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone tal-**10 ta' Marzu 2006**, l-attur ikkonċeda lill-intimat Joseph Xerry taħt titolu ta' lokazzjoni, l-fond urban formanti parti mir-razzett bl-isem Sydney House, Triq ir-Rumi, Marsascala taħt diversi kondizzjonijiet. Il-kera kienet ta' LM50 (ekwivalenti għal €116.47) kuljum inkluż il-Ħadd u Festi li ġew ridotti għal LM15 (ekwivalenti għal €34.94) kuljum matul l-ewwel tlett snin, pagabbli bil-quddiem, kull xahar **għal żmien erba' snin**;

Illi l-attur jallega illi l-konvenut qatt ma ħallas kera. L-aħħar ġurnata li kien ra lil konvenut fil-fond in kwistjoni kien fil-15 ta' Jannar 2008 meta talbu l-flus tal-kera u kien qallu li kien ser iħallsu. Irriżulta ukoll illi l-għada illi telaq il-konvenut, il-Pulizija għamlet tfixxija u kienet sabet ammont ta' droga maġenb il-*boat yard* in kwistjoni u ssuspettaw illi Joseph Xerry kien imdaħħal fit-traffikar tad-droga. L-attur enfasizza l-punt illi l-konvenut kien għamel xogħolijiet fuq il-post biex jiffaċilita x-xogħol li huwa kien jagħmel ta' traffikar ta' persuni fejn minflok jitħallas bi flus kien jitħallas bi droga u li kien irnexxielu jdaħħal lil ibnu Angelo, f'ċirku ta' kriminalita`. Il-konvenut kien għalaq it-twieqi eżistenti bil-ġebel u għolla l-ħitan ta' madwar il-bitħa biex ma jkunx jidher x'inhu jiġri hemm ġew. Wara illi saret it-tfittxija mill-Pulizija, il-konvenut qatt ma reġa' resaq lejn il-bitħa;

Illi skond l-konvenut huwa dejjem ħallas il-kera dovuta lil Francis Fenech u qatt ma naqas milli jwettaq din l-obbligazzjoni. Jispjega kif għadda l-pagamenti kollha lill-attur u jixhed illi fil-bidu nett tal-kirja kien għamel pagament ta' **LM1,450** (ekwivalenti għal €3,377.59) li kienu jkopru l-ewwel tlett xhur tal-kera, u dan sar

qabel ma marru jiffirmaw l-iskrittura għand in-nutar. Dan pero` mhux rifless fil-ftehim li sar bejniethom u lanqas hemm debita rċevuta mniżżla fil-ftehim;

Illi l-konvenut ikompli jgħid li kif daħal fil-*boat yard* ried jagħmel tinda akbar minn dik li kien hemm, beda jgħolli l-ħitan u għamel garaxx fuq wara. Ikompli jispjega illi meta rah jagħmel dan ix-xogħol, l-attur qabbdu jagħmel il-bitħa ta' fuq illi kienet propjeta' tal-istess attur. Jgħid li dam **seba' xhur** jaħdem fil-propjeta' tal-attur li min-naħa tiegħu dan, bħala ħlas għal dan ix-xogħol, kien spjegalu li l-kera mhix dovuta u terġa' tibda tgħodd minn meta jeħles ix-xogħol. Kif imbgħad kompla jaħdem fil-*boat yard* mikrija lilu, l-attur reġa' infurmah illi **baqagħlu xahar u ġimgħatejn ma jħallasx kera** u wara dan iż-żmien terġa' tibda tgħodd il-kera. Dan kien it-tmien xahar tal-kera u ċjoe' Novembru 2006;

Illi meta reġa' xehed, il-konvenut biddel il-verżjoni u meta prova jispjega kemm-il darba ħallas il-kera jgħid illi l-ħlas tal-kera beda f'Marzu 2006 u ħallas LM1,450 ta' tlett xhur. Imbagħad matul April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru (**sitt xhur)** ħadem għand Frans Fenech bil-ftehim li ma jħallasx kera, filwaqt li Ottubru, Novembru u Diċembru kienu koperti bil-Lm1,450 li kien ħallas f'Marzu. Għas-sena 2007 jgħid illi ma kinux iżommu l-ħlas kull tlett xhur, daqqa kien iħallas Lm1,000 u daqqa Lm2,000;

Illi l-konvenut jgħid li l-attur qatt ma ried jagħtih irċevuta tal-ħlas tal-kera u kien kostrett jgħaddilu l-pagamenti quddiem xi persuna oħra. Meta mistoqsi, ma kienx kapaċi jistabilixxi kemm-il darba ħallas kera iżda ċert illi għamel ħames pagamenti u l-maġġor parti kien iħallas Lm1,000 apparti għal istanza waħda illi ħallas Lm2,000 quddiem ċertu **Jason Demicoli** iżda dan tal-aħħar ma semmiex dan l-episodju waqt ix-xhieda tiegħu, anzi jgħid illi qatt ma ra flus għaddejjin mingħand l-intimat għal għand l-attur. Jason Demicoli huwa l-persuna illi Xerry kien inkariga sabiex jgħolli

l-ħitan tal-*boat yard* bil-ġebel kemm fil-bitħa mikrija lilu u kemm fil-bitħa li kienet tal-attur. Demicoli jixhed illi dan ix-xogħol dam madwar **erba' jew ħames xhur**. Il-ftehim kien illi kellu jħallsu Xerry iżda sal-lum għadu ma tħallasx. Fil-kontro-eżami ikkonferma illi l-makkinarju illi kellu fil-*boat yard* li kien uża sabiex jibni kien ħadu lura mingħand l-attur stess;

Illi xehed ukoll ħu l-konvenut, **Manuel Scerri** u jgħid illi ħuh kien ta Lm1,000 lil Fenech ġewwa ħanut ġo Santa Venera wara illi saret l-iskrittura bejniethom għand in-nutar u sema' ukoll in-negozjati bejniethom. Rahom jgħaddu minn id għall-oħra. Waqt il-kontro-eżami mbagħad jgħid illi kien sema' biss il-kliem 'Lm1000' u mhux ra l-flus jgħaddu minn id għall-oħra, għax kien mehdi jilgħab il-*billiard*. Jgħid li jaf li l-flus kienu elf lira Maltin, mhux għax għoddhom iżda għax semgħhom isemmu l-ammont ta' elf lira maltin;

Illi biex isaħħaħ id-difiża tiegħu il-konvenut ippreżenta affidavits ta' persuni illi allegatament kienu preżenti meta ħallas xi kera lill-attur. **Jamie Caruana** jgħid illi darba għall-ħabta ta' Marzu 2007 kien mar ma' Xerry Wied il-Għajn peress li kien qallu illi se jħallas il-kera lill-attur u kien talbu jgħodd il-flus li kienu f'envelopp li kien fih Lm1,000. It-tieni darba li xehed, Caruana biddel kemmxejn il-verżjoni u jgħid illi mhux hu kien għadd il-flus imma Xerry għoddhom quddiemu. Id-diskors li sar bejn l-attur u l-konvenut ma semgħux u ma jafx fuq xhiex tkelLmu;

Illi **Glenn Paul Xuereb** xehed illi kien iżomm id-dgħajsa tiegħu fil-*boat yard* mikrija lill-konvenut. Għall-ħabta t'April 2007 kien mar ma' Xerry id-dar ta' Francis Fenech ġewwa Wied il-Għajn sabiex jgħaddilu Lm1000 u kien għadd il-flus hu. Fil-kontro-eżami meta mistoqsi dwar id-dettalji tad-dgħajsa li kien iżomm għand il-konvenut ma kienx jaf jagħtihom. Jgħid illi d-dgħajsa tiegħu ġabarha fl-2010 mingħand il-konvenut pero` meta ġie kkonfrontat bil-fatt illi fl-2010 huwa kien

arrestat ġewwa t-Tunezija u fil-verita` ma kienx jinsab Malta, huwa ikkonferma dan kollu. Ikompli jgħid in kontro-eżami illi l-episodju ta' Lm1,000 ġara meta kien qiegħed fil-*boat yard* tal-konvenut u mar klijent ta' Xerry u ħallsu Lm1,000 u dak il-ħin il-konvenut staqsih biex jgħoddhom. Wara qallu biex imur miegħu għand Francis Fenech sabiex jgħaddilu dawk l-istess Lm1,000 li kien għadu kif irċieva;

Illi **Kurt Buhagiar** jiftakar li darba ra lil Xerry jagħti xi flus tal-kera lil Fenech iżda meta mistoqsi fil-kontro-eżami, ma setax jiftakar il-perjodu ta' meta għaddew dawn il-flus u lanqas kemm kien l-ammont imħallas. Buhagiar kien ġie arrestat flimkien mal-konvenut barra minn Malta;

Illi l-konvenut iddikjara illi ġieli qabbad lill-klijenti li kienu jikru post għad-dgħajsa minn għandu sabiex iħallsu direttament lill-attur. Filfatt il-konvenut sejjaħ bħala xhud lil ċertu **Jesmond Camenzuli** u għalkemm mistoqsi jekk qatt ħallasx lil xi ħadd ieħor minflokk lil Joseph Xerry, innega u jgħid li dejjem lil konvenut ħallas. U anke' meta reġa ġie issuġġerit lilu jekk it-tifel tal-attur Angelo Fenech kienx talbu biex iħallas lil missieru minflok lil Joseph Xerry, dan baqa jsostni illi dejjem lil Joseph Xerry ħallas;

Illi xhieda simili kienet dik ta' **Glenn Clews** fejn ikkonferma illi hu dejjem ħallas il-kera lill-konvenut u qatt lil Fenech. Jgħid ukoll li kellu l-ħsieb li jikri l-*boat yard* wara Xerry u ftehmu dwar xi affarijiet iżda minn dan kollu ma seħħ xejn;

Illi l-konvenut ippreżenta ukoll ix-xhieda li ingħatat minn iben l-attur, Angelo Fenech fi proċeduri kriminali, iżda fl-ebda mument ma ħareġ illi Xerry kien ħallas lill-attur dak dovut bħala kera, anzi pjuttost bil-kontra, għaliex Angelo Fenech għalkemm kien qed jixhed fi proċeduri li ma kinux relatati mal-ebda ħlas ta' kera, minn jeddu xehed illi Xerry  qatt ma ħallas kera lil missieru, avolja kien ġieli stqarr

miegħu illi jixtieq iħallsu ma jdumx. Din ix-xhieda tefgħet dawl fuq in-negozju lleċitu li kien jagħmel il-konvenut li kien joħroġ bid-dgħajsa tiegħu għall-klandestini u minn fuq vapur kbir iniżżilhom ftit ftit, ġewwa l-Italja u wara kien jitħallas ta' xogħlu bid-droga. L-attur ippreżenta numru ta' paġni ta' ġurnali li irrapurtaw l-arrest tax-xhieda Glen Paul Xuereb u Kurt Buhagiar u l-konvenut fuq reati konnessi mad-droga u traffikar ta' persuni;

Illi l-konvenut spjega illi s-sena 2007 għamilha kollha fil-fond in kwistjoni pero` tlett xhur qabel ma spiċċat is-sena kien għarraf lil attur li kien se jitlaq minn hemm skond il-klawsola (m) tal-ftehim ta' bejniethom. Jgħid illi d-deċiżjoni illi jitlaq minn hemm kienet wara illi kien wissa lil Angelo Fenech biex ma jersaqx 'l hemm peress illi kien qed jaħbi d-droga fid-dgħajjes. Beda jfittex lil xi ħadd ieħor minn jikriha minnfloku. Hu kien għamel xi spejjeż fil-*boat yard* u xtaq jitħallas tagħhom mingħand min kien se jkun minfloku. Kif fl-aħħar tlett xhur kien qed jieħu l-affarijiet tiegħu mill-*boat yard* jgħid li ħabta u sabta sab il-katnazzi mal-bibien u s-serraturi kollha mibdulin. Kien baqagħlu ħafna affarijiet tiegħu u filfatt ippreżenta lista tal-oġġetti kollha li kienu għadhom hemm. Il-konvenut ma kienx f'pożizzjoni jagħti stima ta' dawn l-oġġetti u lanqas ippreżenta rċevuti ħlief l-irċevuta tal-*extractor fan* għall-prezz ta' Lm247. Jikkalkula illi ħalla warajh oġġetti b'valur totali ta' Lm6,792 (€15,821);

Illi l-ispettur Dennis Theuma ukoll ta x-xhieda tiegħu u kkonferma illi x-xhieda mressqa mill-konvenut Glenn Paul Xuereb u Kurt Buhagiar kienu ġew investigati mill-Pulizija fuq ċirku ta' traffikar ta' droga bejn it-Tuneżija u Malta u eventwalment kienu ħarbu minn ħabs ġewwa t-Tuneżija;

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi f'kawżi għall-ħlas ta' allegat dejn, il-piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu jaqa' fuq l-attur. Ġaladarba jressaq din il-prova, imbagħad il-piż idur fuq il-konvenut biex jipprova l-ħlas:

> "Illi bħala kreditur, l-attur hu fid-dmir li jipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitur tiegħu baqa' inadempjenti fil-hlas. Hu biss meta tigi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenut debitur li jallega l-pagament. Dan il-principju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, "fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, *cioe`*, l-attur l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju '*actore non probante reus absolvitur*'" - "**Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imh. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970[2]"

Illi l-aqwa prova tal-ħlas issir permezz tar-riċevuti. Fin-nuqqas ta' dawn, tibqa' l-preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx. Biex iwaqqa' din il-preżunzjoni kontrih, il-konvenut irid iressaq provi konkordanti u konvinċentiħ

> "Is-socjeta` konvenuta tikkampa ruħha fuq il-ħlas. Issa hu veru li, kif paċifikament akkolt, il-pagament ta' dejn jista' jiġi ppruvat mhux biss minn riċevuti imma anke b'mezzi oħra (**Kollez. Vol. XXXVII.i.525**). Daqstant ieħor hu veru wkoll illi min jallega l-pagament għandu jipprovah għas-sodisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju u fin-nuqqas ta' riċevuta għandha tipprevali l-preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx, jekk ma jiġix provat, kif del resto ma sarx,

[2] **Taliana Carmen v Vassallo Cesareo Leonard 03.11.2004 QA[PS]**

> b’mezzi oħra li s-socjeta` attriċi hi sodisfatta (**Kollez. Vol. XXXV.iii.604** u **Vol. XLIX.ii.776**)”[3];

Illi fil-provi dwar il-ħlas, hemm għadd ta’ nkonsistenzi. Fl-affidavit tiegħu il-konvenut spjega illi kien ħallas Lm 1,450 qabel marru għand in-nutar u dawn kienu ħlas ta’ kera għax-xhur ta’ Ottubru, Novembru u Diċembru 2006. Iżda mbagħad meta xehed *viva voce* bħal donnu dan id-dettal qabiżlu u jgħid illi sa Novembru ma kellux iħallas kera bi ftehim mal-attur peress li kien għamel ix-xogħolijiet strutturali fuq il-propjeta` tal-attur. Il-konvenut jerġa’ jbiddel il-verżjoni meta jgħid illi dawk Lm1,450 kien ħallashom kif daħal fil-propjeta` mikrija lilu u mhux qabel ma marru għand in-Nutar. Barra minn hekk, Jason Demicoli miġjub mill-konvenut stess xehed illi x-xogħolijiet fil-propjeta` ta’ Francis Fenech ikkontradixxa l-verżjoni tal-konvenut meta xehed illi damu biss erba’ jew ħames xhur u mhux seba’ xhur bħal ma qal il-konvenut;

Illi l-konvenut prova jressaq xhieda sabiex jikkonfermaw illi kien hemm istanzi li dawn l-istess xhieda ħallsu direttament lil sid il-post u ċjoe` lil Francis Fenech iżda dan jidher illi safa’ agħar għall-konvenut għax dawn filfatt xehedu bil-kontra u stqarrew illi dejjem lil Joseph Xerry ħallsu;

Illi ll-mod kif wieġbu xi wħud mix-xhieda tal-konvenut in kontro-eżami bħal per eżempju Jamie Caruana, Glenn Paul Xuereb u Manuel Scerri juri kemm hija debboli l-prova li suppost ġiet min-naħa tal-konvenut in sostenn tal-fatti allegati minnu. Kull darba li dawn ix-xhieda in partikolari jiġu rinfaċċjati b'fatti speċifiċi, jgħidu li nsew xi fatti jew imbagħad meta jiġu ppressati jbiddlu l-verżjoni tagħhom. Dan jixhed

[3] **Hydroelectric Ltd v AMC Electric Ltd 11.10.2006 QA[PS]**

dawl ukoll fuq l-affidavit tagħhom illi kienu kważi kollha l-istess wieħed wara l-ieħor mingħajr wisq dettalji filwaqt li in kontro-eżami jispiċċaw biex jaqgħu fid-dubju dwar dak li xehdu;

Illi m'hemmx dubbju li din ix-xorta ta' provi li għoġbu jressaq il-konvenut ma tegħlibx il-preżunzjoni tan-nuqqas ta' ħlas fl-assenza ta' riċevuti appożiti;

## IL-KONTROTALBA

Illi l-konvenut fil-kontro-talba tiegħu, jgħid illi meta ta l-pre-avviż lil attur illi kien se jittermina fl-aħħar ta' Diċembru 2007, huwa ġie mċaħħad minn kull aċċess illi huwa kellu għall-istess fond mikri lilu mingħajr ma ngħata l-okkażżjoni illi jieħu lura l-pussess tal-oġġetti personali tiegħu konsistenti f'għodda u oġġetti oħra relatati ma' xogħlu u l-istess oġġetti kienu għadhom fil-pussess tal-attur;

Illi l-attur fil-bidu nett tal-kawża saħansitra qabel ma l-konvenut ippreżenta l-kontro-talba tiegħu, l-attur iddikkjara u dan biex speċifikament tiġi evitatata azzjoni rikonvenzjonali illi l-konvenut seta' liberament jirtira ħwejjġu mill-*boat yard* mertu tal-każ u anke iffissaw data li kienet id-9 ta' Frar 2009 fid-9.00 għal dan l-iskop.[4] Ma rriżultax illi l-attur b'xi mod impedixxa lil konvenut milli jiġbor ħwejjġu. L-attur saħansitra rritorna għodda li kienu ta' terzi li tħallew fil-*boat yard* in kwistjoni;

Illi l-Qorti ma tistax tifhem kif anke jekk kien hemm data ffissata meta l-konvenut kellu jiġbor l-affarijiet kollha tiegħu, hu xorta waħda baqa' jinsisti illi l-affarijiet tiegħu qed jinżammu mill-attur. Jekk il-konvenut naqas milli jiġbor kollox kienet biss negliġenza da parti tiegħu. Apparti minn hekk il-konvenut naqas milli jagħti

[4] Seduta tat-3 ta' Frar 2009 a fol 30.

prova ċara ta' kemm hu l-valur tal-oġġetti allegatament mħollija fil-fond in kwistjoni;

Huwa aktar verosimili illi l-konvenut qabad u ma resaqx aktar fil-*boat yard* meta sar jaf illi l-Pulizija għamlet it-tfixxija tagħha iżda pprova jbiegħ storja kkulurita sabiex jevita li jħallas il-kera dovuta minnu;

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. tilqa' t-tieni talba tal-attur u tiddikjara lill-konvenut Joseph Xerry debitur fil-konfront tal-attur Francis Fenech għas-somma ta' €32,948.98;

2. tilqa' it-tielet talba tal-attur u tikkundanna lil Joseph Xerry iħallas lill-attur Francis Fenech is-somma ta' €32,948.98 bl-imgħax legali mid-data tal-iskadenzi rispettivi tal-kera sad-data tal-pagament effettiv;

3. tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attur għall-kontro-talba tal-konvenut u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tiegħu.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tat-talba u l-kontro-talba, tal-ittra uffiċċjali ppreżentata fis-26 ta' Settembru 2008, tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorju a kariku tal-konvenut.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA